**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 35**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

35.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Anglu Portelli. Iċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech ippropona li din l-apoloġija tiġi aċċettata, ssekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**35.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 32**

35.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 32 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 32

**35.3 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 33**

35.3.1 Il-minuti tas-seduta numru 33 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 33

**35.4 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 34**

35.4.1 Il-minuti tas-seduta numru 34 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech u mis-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 34

**35.5 Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin**

35.5.1 Iċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech irrimarka dwar il-mod ta' kif ġie mibni ħajt fil-Kunċizzjoni. Huwa saħaq li l-kuntrattur li għamel dan ix-xogħol għandhu jirranġa jew iħott dan il-ħajt mill-aktar fis possibli. Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

**35.6 Reviżjoni tal-*Budget* 2017**

35.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv il-*Budget* 2017 rivedut, peress li ġie nnutat li wara li inħarget l-allokazzjoni 2017 kien hemm tibdil fl-allokazzjoni. Iċ-Ċerpersin is-Sur Paul Grech ippropona li l-*Budget* 2017 jiġi approvat hekk kif emendat. Issekonda din il-proposta is-Sur George Attard. Reviżjoni tal-*Budget* 2017

**35.7 Mozzjoni 01/2016 – 'Mozzjoni biex issir talba lill-'Malta Communications Authority' sabiex issir installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-pjazza tal-Baħrija'**

35.7.1 Peress li l-Viċi Ċerpersin is-Sur Paul Galea li ppropona din il-mozzjoni ma kienx Mozzjoni 01/2016 – Mozzjoni biex issir

preżenti għal-laqgħa, tali mozzjoni ser terġa' tittella' fuq l-aġenda li jmiss. | installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-Pjazza tal-Baħrija

**35.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

35.8.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 20 ta' Lulju 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija. | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

32.7.2 Il-laqgħa ntemmet fis-5.30 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ............................ ........... ta'.......................... 2016

**(iffirmata)** **(iffirmata)**

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**